**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha, 15 ta' Jannar 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 73/2020 BS**

**Charles Sultana u Miriam Camilleri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku Ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' Charles Sultana u Miriam Camilleri illi ppremettew:

Illi l-atturi kellhom tifel li twieled fil-10 ta Awwissu 2020 u rregistrawh skont ic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';

Illi fl-Att ta' Twelid bi zvista l-atturi ndikaw bhala isem il-wild "Theos" meta fil-fatt dan ghandu jkun indikat bhala "Teos";

Illi l-atturi jridu li isem binhom jigi kkoregut b'tali mod illi fejn isem il-wild huwa "Theos" jigi sostitwit bl-isem "Teos";

Illi l-atturi qed jitolbu li ssir d-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' binhom.

Illi din id-dikjarazzjoni qed issir u tigi konfermata bil-gurament mill-atturi Sultana.

Talbu ghalhekk lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-att ta' twelid bin-numru 194 (wiehed disgha erbgha) relattivi ghat-twelid ta' Teos Sultana huwa skorett fis-sens fuq spjegat;

2. Konsegwentament tordna l-korrezzjoni tal-att fuq imsemmi billi kull fejn hemm referenza ghall-isem 'Theos' dan ghandu jigi sostitwit bl-isem 'Teos'.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku illi eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel is-smiegh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu illi fic-certifikat tat-twelid tat-tifel taghhom, issir korrezzjoni tal-isem minn Theos ghal Teos;

3. Illi mkien ma gie allegat illi hemm xi zball da parti tal-esponenti x'jigi rattifikat;

4. Illi infatti tant hu hekk illi r-rikorrenti fir-rikors taghhom stess ammettew illi l-izball sar bi zvista minnhom stess meta ghamlu r-registrazzjoni tal-wild taghhom;

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponenti jissottometti illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex attribbwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti tal-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.

6. Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti

Rat id-dokumenti pprezentati mir-rikorrent annessi mar-rikors guramentat.

Semghet is-sottomissjonijiet verbali tal-partijiet

**Il-Provi.**

Ir-rikorrenti jaffermaw li fl-10 ta Awwissu 2020 tweldilhom tifel . Jghidu li bi zball huma ndikaw isem dan il-wild bhala “Theos” mentri kellhom jindikawh bhala li jinkiteb “Teos”. Ghalhekk iridu li isem binhom fuq l-att tat-twelid jinbidel u jigi jinkiteb “Teos” minflok kif hemm imnizzel illum “Theos”.

Minn naha tieghu d-Direttur tar-Registru jishaq li l-izball fl-isem ma kienx rizultat ta' xi nuqqas da parti tieghu.

**Ikkunsidrat**

Rigward it-talba ghall-korrezzjoni fil-kunjom din it-talba qed issir ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghti d-dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet u registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili. Illi ghandu jinghad li l-Artikolu 253 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermettu, taht certi cirkostanzi, il-bdil ta' isem ta' persuna.

Kif jirrizulta mill-atti d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret.

Billi ma jirrizultax xi tort da parti tal-konvenut dan m'ghandux ibati spejjez.

**Decide.**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u:

1. **Tiddikjara illi l-att ta' twelid bin-numru 194 (wiehed disgha erbgha) relattiv ghat-twelid ta' Teos Sultana huwa skorett;**

2. **Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru 194 (wiehed disgha erbgha) billi kull fejn hemm referenza ghall-isem 'Theos' dan ghandu jigi sostitwit bl-isem 'Teos'.**

L-Ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu nterament mir-rikorrenti.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur